

TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2008 — N vs Il-Parlament

(Kawża F-71/08)

(2008/C 272/98)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: N (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: E. Boigelot, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu bejn is-16 ta' Awwissu 2006 u l-31 ta' Diċembru 2006.

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjoni tat-12 ta' Settembru 2007 li tikkonferma u tapprova b'mod definittiv ir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għall-perijodu bejn is-16 ta' Awwissu 2006 u l-31 ta' Diċembru 2006;

— tannulla dan ir-rapport ikkontestat;

— tannulla d-deċiżjoni tal-President tal-Parlament, tat-22 ta' Mejju 2008, li tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-annullament tad-deċiżjoni ikkontestata;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2008 — Ketselidis vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-72/08)

(2008/C 272/99)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Michalis Ketselidis (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ħahda għat-talba ppreżentata mir-rikorrent dwar ir-reviżjoni tal-kalkolu tas-snin tas-servizz għal pensjoni li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni matul it-trasferiment tad-drittijiet tiegħu għal pensjoni miksuba fil-Greċja lejn l-iskema Komunitarja.

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni impliċita ta' ħahda tat-talba dwar il-kalkolu tas-snin ta' servizz ta' pensjoni li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni matul it-trasferiment tad-drittijiet tiegħu għal pensjoni lejn l-iskema Komunitarja;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2008 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-73/08)

(2008/C 272/100)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avvocato)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament ta' diversi deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni ħadhet it-talbiet tar-rikorrent għal kumpens ta' 100 % ta' xi spejjeż mediċi mġarrba u l-kundanna tal-Kummissjoni għall-ħlas ta' somma fuq din il-bażi.

Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni ta' ħahda tat-talba tas-27 ta' Ġunju 2007 mibgħuta fit-28 ta' Ġunju 2007;

— jannulla d-deċiżjoni ta' ħahda tat-talba tad-29 ta' Ġunju mibgħuta fl-istess data;

- jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tat-30 ta' Ġunju 2007 mibgħuta fit-2 ta' Lulju 2007;
- jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba tat-2 ta' Lulju 2007 mibgħuta mir-rikorrent fl-istess data;
- jannulla, safejn meħtieġ, in-nota tad-29 ta' April 2008;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tħallas lir-rikorrent, bħala kumpens ta' 100 % tal-ispejjeż mediċi *de quibus*, tas-somma ta' EUR 4747,29, jew somma oħra iżgħar li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jikkunsidra ġusta u ekwa fuq din il-bażi, u kif ukoll l-interessi fuq din is-somma appena msemmija li għandhom jiddekorru mis-7 ta' Novembru 2007, bir-rata ta' 10 % fis-sena u bil-kapitalizzazzjoni annwali, jew b'dik ir-rata, bil-kapitalizzazzjoni u bid-*dies a quo* li t-Tribunal jikkunsidra ġusti;
- jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Awwissu 2008 — Ramaekers-Jørgensen vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-74/08)

(2008/C 272/101)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Ramaekers-Jørgensen (Geneval, il-Belġju) (rappreżentanti: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Suġġett

Minn naħa, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra li tikkalkola t-taxxa Komunitarja tar-rikorrenti billi tgħodd flimkien l-ammont tar-remunerazzjoni personali u tal-pensjoni tas-superstiti, kif ukoll tad-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba intiża sabieħ it-taxxa Komunitarja imposta fuq il-pensjoni tas-superstiti ma tkunx imnaqqa bil-quddiem, jiġifieri qabel il-ħlas tal-pensjoni tas-supersiti, mill-ammont tar-remunerazzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, il-konstatazzjoni tal-illegalità tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 260/68, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 2182/2003.

It-talbiet tar-rikorrenti

- Tannulla d-deċiżjoni adottata mill-Awtorità tal-Ħatra fl-20 ta' Mejju 2008, li permezz tagħha ġiet miċħuda l-kontestazzjoni mressqa fis-16 ta' Jannar 2008, intiża għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2007, safejn hija tiddefinixxi l-modalitajiet tal-kalkolu u tal-ġbir tat-taxxa Komunitarja dwar il-pensjoni tas-superstiti mogħtija lir-rikorrenti;
- safejn huwa neċessarju, tannulla wkoll, parzjalment, l-imsemmija deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2007, safejn hija ppreċiżat il-modalitajiet tal-kalkolu u tal-impożizzjoni tat-taxxa Komunitarja dwar il-pensjoni tas-superstiti mogħtija lir-rikorrenti;
- skont l-Artikolu 241 tat-Trattat, tikkonstata l-illegalità tal-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 260/68, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 2182/2003, safejn l-imsemmija dispożizzjonijiet jipprovdu li, għal-finijiet tal-kalkolu tat-taxxa Komunitarja applikabbli, il-pensjoni tas-superstiti mogħtija lill-uffiċjal għandha tingħadd flimkien mal-paga ta' dan l-uffiċjal;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għall-ispejjeż.